GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **17 ta' Marzu 2022** **Ref: DDLTS 10/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **Stedina għal eTwinning Seminar Ewropew ġewwa Malta**
**'Diverse & Creative Learning Environments'**

---

L-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning (NSO) qed jistieden edukaturi li jgħallmu fil-livell Primarju u Sekondarju minn skejjel kemm tal-istat kif ukoll dawk indipendenti jew tal-knisja biex jattendu seminar tal- eTwinning li se jsir Malta f'April 2022.

**Post**: Paradise Bay Hotel, Cirkewwa. Għal dan is-Seminar se jattendu edukaturi minn madwar 14-il pajjiż Ewropew.

**Dati**: 28-29-30 t'April 2022 Is-Seminar se jibda fl-16:00 il-Ħamis 28 t'April 2022 u jispiċċa is-Sibt 30 t'April fl-16:00

L-akkomodazzjoni, u l-ispejjeż tas-seminar u se jkunu kollha koperti mill-NSO tal-eTwinning. Il-partecipanti se jingħataw *eTwinning Introductory Pack.*

**Is-Seminar**: It-tema tas-seminar ta ' din is-sena hija 'Diverse & Creative Learning Environments', għalhekk, il-workshops se jiffokaw mhux biss fuq l-eTwinning bħala pedagoġija innovattiva iżda wkoll fuq l-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali u l-eTwinning fl-iskejjel fi ħdan din it-tema. Se jkun hemm ukoll attività ta ' networking bejn il-parteċipanti bil-għan li tħeġġeg proġetti kollaborattivi ġodda. Il-programm jinstab mehmuż.

**Il-Kriterji:**

- Il-parteċipazzjoni hija permezz ta ' applikazzjoni onlajn fuq il-bażi ta ' min japplika l-ewwel jintgħażel l-ewwel.
- Edukaturi li attendew xi seminar simili Ewropew tal-eTwinning f'dawn l-aħħar 3 snin mhumiex eleġibbli biex japplikaw.
- Il-parteċipanti huma mitlubin jirreġistraw fl-eTwinning - www.etwinning.net u li jkollhom xi idea ta' proġett li jista' jiġi żviluppat u rreġistrat matul is-Seminar.

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt

**Applikazzjoni**

L-edukaturi huma mistiedna japplikaw għas-seminar billi jimlew il-*Formola ta' Applikazzjo*ni hawn taħt sal**- Ġimgħa 1 t'April 2022.**

Ħolqa: : https://forms.office.com/r/538YjEawE5

Il-parteċipanti magħżula mbagħad jiġu kkuntattjati biex jissottomettu formola bl-approvazzjoni tal-kap tal-iskola/ kap tan-Netwerk tal-kulleġġ, jekk applikabbli.

**Disseminazzjoni/Aspettattivi**

- L-Edukaturi huma mistennija jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-istaff/kollegi tal-iskola. Dan jista'jiġi ppublikat fin-*newsletter* tagħna. Artikli ghandhom jintbgħatu lill-etwinning@ilearn.edu.mt.
- Il-parteċipanti huma mistennija li jirreġistraw proġett tal-eTwinning ma' edukatur Ewropew.
- L-Edukaturi magħżula huma mitluba jġibu laptop jew tablet magħhom.

Għal mistoqsijiet jew għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fuq 2598 1568 jew etwinning@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**